StudentBounty.com

Saint Theresa College

PARVA PARVORUM PULCHRA

**Skejjel Primarji**

Eżami tà Nofs is-Sena 2011

| Is-Sitt Sena | MALTI | Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**Isem u Kunjom__________________________Klassi____________**

**Għall-istudent/a**

- **Aqra sew dan li ġej.**
- Ikteb l-isem u l-kunjom u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġà ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok.



www.StudentBounty.com

## Aqra sewwa s-silta:

### In-Nannu Salvu

Il-ħin tas-sajf kien spiċċa, u n-nannu Salvu reġġà l-arloġġ siegħa lura. Billi sebaħ il-Ħadd u l-lejl twal b'siegħa, setà jorqod siegħa żejda kieku ried, imma ma damx aktar min-nofs siegħa. In-nannu Salvu minn ċkunitu kien bieżel kważi żżejjed. Kien imur jistrieħ, wara li ma kienx jiflaħ joqgħod aktar fuq riġlejh. Mhux għax kien jagħmel tajjeb għal saħħtu, imma hekk kien in-natural tiegħu. *(par 1)*



Malli jistenbaħ u l-iżveljarin idoqq il-ħamsa u nofs, ikun pront itajjar il-friex minn fuqu, u jieħu doċċa bl-ilma kiesaħ. L-ilma kiesaħ kien itajjarlu n-ngħas mill-ewwel, hekk kien igħid. *(par 2)*

Wara jpoġġi l-istanjata tal-kafé fuq il-kuciniera ta' bi tnejn, jitfà mgħarfa jew tnejn kafè tal-użin, żewġ imsiemer tal-qronfol, biċċa qoxra tà larinġa jew tal-mandolina, u erħi r-riħa tal-kafé tan-nannu Salvu tfewwaħ id-dar u taqsamlek qalbek. *(par 3)*

In-nannu Salvu issa kellu tnejn u sebgħin sena . B'danakollu baqà jinteressa ruħu f'kollox. Ir-radju ma kien jagħlqu qatt għax dejjem kien jitgħallem xi ħaġa ġdida mill-programmi sakemm isaqqi l-qsari jew jagħti kinsa qabel jitlaq lejn ir-razzett tiegħu li kien għaxar minuti mixi bogħod minn daru. *(par 4)*

Martu Rożina kienet ilha mejta għaxar snin. Dara jmidd idu għax-xogħol tad-dar. Sadanittant il-fatt li kien ikollu x'jagħmel, il-ġurnata ma kienx jaraha għaddejja. Imma ħej il-vojt tagħha ma kien jistà jimlih b'xejn. In-nannu salvu u n-nanna Rożina kienu jinħabbu tassew. *(par 5)*

Wara li mietet martu, in-nannu Salvu kien għoddu wasal biex ineħħi r-razzett bl-annimali li kien fih. Beżà li ma kienx se jlaħħaq mad-dar u mar-razzett. Imma r-razzett kien ifakkru fis-snin l-imgħoddija, kemm kien igħannilha fuq il-kitarra, u Rożina kienet twieġbu spirtu pront, b'xi taqbila li tiġiha f'moħħha dak il-ħin. *(par 6)*

(addattata minn *Is-Sinjorina Anna* kitba ta' *Mary Puli)*

## A. Aqra, ifhem u wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar is-silta li qrajt:



www.StudentBounty.com

1. X'għamel in-Nannu Salvu meta spiċċa l-ħin tas-sajf?

2. Fi x'ħin kien iqum filgħodu?

3. X'kien jagħmel malli jqum?

4. X'kien jitfagħlu l-kafè?



www.StudentBounty.com

5. Veru li kien jinteressa ruħu f'kollox? Kif taf dan?

6. X'kien jagħmel qabel jitlaq lejn ir-razzett?

7. Għaliex il-ġurnata ma kienx jaraha għaddejja?

8. Kif nafu li Salvu kien iħobbha ħafna lil martu Rożina?

9. Għaliex baqà jżomm ir-razzett?



www.StudentBounty.com

10. Kif taf li Salvu u Rożina kienu dilettanti tal-għana?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(10 marki)

**11. Sib kelma jew frażi li jfissru:**

1. karattru (par. 1) ______________________________
2. iqum (par.2) ______________________________
3. nuqqas (par.5) ______________________________
4. kif tħoss (par.6) ______________________________

(4 marki)

**12. Fisser**

1. tfewwaħ (par 3)______________________________

2. taqsamlek qalbek (par 3)______________________________

3. ineħħi r-razzett (par 6) ______________________________

(3 marki)

**Aħseb u ikteb.**





www.StudentBounty.com

In-nannu Salvu kien għadu juża l-istanjata u l-kuċiniera.

**Kieku kellek tipprepara t-te jew il-kafè għalik jew għal ħaddieħor x'tuża llum? X'tagħmel?**

(3 marki)

**B. Imla l-vojt kif meħtieġ bil-partiċelli t'hawn taħt.**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **mir-** | **mal-** | **għall-** | **fid-** | **bil-** | **mill-** | **fit-** |

Wieħed _____ għerien l-aktar magħrufa hu dak tà Għar Ħasan. Dan l-għar jinsab ftit 'il bogħod _____ raħal tà Birżebbuġa _____ triq li tieħu _____ irdum tà Ħal Far. Ġewwa, l-ilma jċarċar _____ blat, u l-art tibda tiżloq. Jgħidu li Ħasan kien joqgħod _____ daħla qisha kamra li hemm malli tidħol fl-għar. Il-leġġenda tgħid li hemm ġew ħeba tfajla _____ ħsieb li jaħrab biha sa Tuneż.



(7 marki)

**C. Kompli billi tuża** | **'il** | **'l** | **'il-** | **'l-** |



www.StudentBounty.com

1. It-tfajla bdiet iċċaqqlaq rasha ____ fuq u ____ isfel bin-ngħas li kellha.
2. Meta rajt li ġej l-inkwiet dħalt ____ ġewwa u ċempilt _____ pulizija.
3. Il-barklor qadef _____ barra kemm setà biex jilħaq _____ għawwiem li kien qed igħajjat għall-ajjut.

(3 marki)

---

**D. Uża fis-sentenzi, in-Negattiv tal-Verb fil-parentesi**

"__________ (**ċaqlaq**) minn hawn f'ġieħ kemm hemm, li ma _______ (**marru**) jindunaw bina," qalli Simon minn taħt l-ilsien.



"U ma _________ (**ra**) min jisimgħek!" weġibtu pront, pront.

"Ma _______ (**kien**) ballun li qabbiżt," qal inkwetat Simon.

"Issa l-waqt li naqbżu lura. _________ (**qagħad**) titnikker għax ninqabdu," wissejtu jien.

(5 marki)

---

**E. Ikkonjuga l-verb. Dan jista' jkun fil-Preżent, Passat jew Futur. Bħala għajnuna issib l-għerq fil-parentesi.**



www.StudentBounty.com

1. Sandro u Mario _______ **(t-l-q)** lejn id-dar jiġru kemm _______ **(f-l-ħ)**
2. Waqt li fix-xitwa __________ (**s-b-ħ**) tard u _________ **(d-l-m)** kmieni, fis-sajf kollox bil-maqlub.
3. "Tkomplux ____________(**l-b-l-b**)," qalet b'leħen għoli l-għalliema waqt li ___________ (**għ-m-l**) sinjal li kienet se _______ (**r-d-d**) is-salib.
4. Bdejt__________ (**t-r-t-r**) bil-bard għax insejt _______ (**l-b-s**) il-kowt.
5. Il-plejers tat-tim tagħna _________ (**l-għ-b**) logħba mill-aqwa.

(10 marki)

**F. Agħti kelma waħda flok il-frazi fil-parenteżi.**



1.Waqt li _____________annimal (**l-aktar kbir** ) hi l-Balena l-Kaħla, il-Protożoani huma ____________fost l-annimali **(l-aktar żgħar).**
2. Sirt għarqan____________**(ħafna ħafna)** imma kuntent li kamarti issa nadifa____________(**ħafna ħafna).**
3. Id-drapp li xtrajtu hu __________**(aktar fin)** minn tagħna.
4. Is-sewwa mhemmx ___________( **aktar sabiħ**) minnha.

(6 marki)

---

**Ġ. Imla bl-għatt imtenni tal-kliem fil-parentesi:**

1. Jien għandi par **(għajn)** _ _ _ _ _ _ _ biss. Ma nistax nara kollox!





www.StudentBounty.com

2. Fis-sajf, kull filgħaxija nħobbu mmorru nagħmlu

**(pass)** _ _ _ _ _ _ _ ħdejn il-baħar.

3. Il-ħinjiet tal-iskola huma bejn it-tmienja u nofs u s- (**siegħa)**

_ _ _ _ _ _ _ _ u nofs tà wara nofsinhar.

4. Il-qawl Malti jgħid li mhux darba imma (**darba) "** _ _ _ _ _ _ _ _ _

insiru tfal".

5. Jannar u Frar kważi għaddew. Mela diġa (**xahar)** _ _ _ _ _ _ _ _

mindu bdejna s-sena 2011.

(5 marki)

---

**G. Silvia kitbet ittra qasira lil Joan. Għamlet xi żbalji fil-kitba. Immarka l-iżbalji u ikteb il-kliem sew.**
***L-ewwel waħda lesta.***

Ħelow Joan,

↓ħriġna

Illum kienet vaganza u ħriċna ħarġa sa' Wied Babu . Għall-bidu ħij ma rieċċ jiġi imma biddel fehmtu. Ommi għamlet ftit ħobs bil-bergers. Missieri qagħad jaqra l-gadsetta. Aħna neħħejna l-ġgieget u morna nesploraw. Saħħa.

Dejjem Tiegħek,

Silvia

(4 marki)

---

**GĦ. Ikteb komponiment tà madwar 200 kelma dwar *wieħed* minn dawn is-suġġetti.**



www.StudentBounty.com

1. **Kostum tal-Karnival li ġħadni ngħożż**
   Iddeskrivi dan il-kostum u għid għaliex hu għal qalbek.

2. **Ikteb ittra lill-ħabib tiegħek fl-Awstralja u għidlu fuq il-passatempi tiegħek.**

3. **Jien lapes.**
   Ikteb fuq l-avventuri tiegħi.

4. **L-Iskola Tiegħi**
   Issa li wasalt fl-aħħar sena fl-iskola primarja**,** ikteb xi memorji sbieħ . li għandek kemm ilek hawn waqt li tħares 'il quddiem lejn is-Sekondarja.

5. **Ġrajja li qrajt jew smajt dan l-aħħar.**
   Tistà tkun ġrajja li smajt fl-aħbarijiet jew li rrakkuntalek xi ħadd.

6. **Ħares sew lejn din l-istampa. Immaġinak bħal dat-tifel fuq din il-gżira. Kif wasalt hemm? Waħdek jew mà xi ħadd? X'se tagħmel? X'se jiġri?** (25 marka)



**Numru tat-titlu** ______________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com